# Fis-Satra tal-Lejl

Il-ħoss tal-karozza nstama' wara l-bieb. Is-sur Parnis kien ġie lura mill-isptar. Owen niżel jiġri mill-kamra tiegħu biex jara x'aħbar kien ġab miegħu missieru. Imma ma kellux sabar jistenna ġewwa. Ħareġ fuq l-għatba biex ifittex jiltaqa' miegħu u bħallikieku jaqralu l-aħbar fuq wiċċu.

Malli pparkja u tefa l-magna l-papà serraħ minkbejh fuq l-*isteering wheel* u ħeba wiċċu fil-pali ta' idejh. Owen inħasad. Resaq maġenbu, daħħal idu mit-tieqa tal-karozza u, "Xi ġralek, papà?" staqsieh imbeżżaʼ waqt li messu fuq spalltu. "Kif inhi l-mamà?"

Is-sur Parnis refa' wiċċu mixrub u ħares lejn Owen, iżda ma qallu xejn. Tella' l-ħġieġa, ħareġ mill-karozza u sakkarha. "Ejja nidħlu nitkellmu ġewwa, Owen," qallu mbagħad b'leħen għajjien waqt li dawwar driegħu ma' spalltu u ressqu lejn il-bieb tad-dar.

Meta daħlu ġewwa sabu li t-tifel l-ieħor, Josmar, kien niżel ukoll minn fuq fejn kien qiegħed jilgħab bil-*PlayStation*. Iċ-ċkejken għad għandu seba' snin u ma kienx qiegħed jirrealizza kemm kienet serja l-qagħda tal-mamà. Imma l-bixra serja fuq l-uċuħ ta' ħuh u missieru ġagħluh jitħasseb. Is-sur Parnis

ressaqhom it-tnejn mal-mejda ta' l-ikel u qagħdu lkoll bilqiegħa. "Ara, Owen, Josmar, irridkom tifhmuni sewwa," qalilhom b'leħen miksur. "Il-mamà hija marida ħafna. Il-marda tagħha hija aktar gravi milli konna naħsbu … Għandha bżonn tagħmel operazzjoni serja u delikata ħafna … U jeħtieġ titla' tagħmilha l-Ingilterra. Jien se nitla' magħha biex ma nħallihiex waħidha fi żmien hekk diffiċli." Għal mument il-papà waqaf b'għajnejh mgħawma fid-dmugħ. "Ma nafx sew kemm se ndumu hemm," issokta mbagħad, "imma żgur li iktar minn xahar … Se nitlob liz-zija Stella biex sadattant iżżommkom għandha."

"Allura l-*mummy* m'hix se tfiq?" ried jaf Josmar b'xofftu ta' taħt mibruma, donnu se jinfaqa' jibki.

"Dażgur li tfiq, Josmar," fittex li jserraħlu rasu l-papà waqt li ħaddnu miegħu. "Aħna għalhekk se morru l-Ingilterra, biex il-mamà tfiq."

Imma jekk dak il-kliem serraħ ras Josmar, żgur li m'għamilx hekk ma' Owen. Owen issa kien riesaq għat-tlettax-il sena u seta' jiżen il-qagħda ferm aħjar minn ħuh ta' seba' snin. Għalhekk, minkejja li żamm fommu sieket, kellu ruxxmata sħiħa ta' ħsibijiet iduru f'moħħu qishom bejta żnażan.

Owen kien wasal fi tmiem it-tieni sena ta' l-Iskola Sekondarja. Huwa tifel bilgħaqal u ma jiddejjaqx mill-istudju. Minkejja li târi fis-snin għandu ċerta maturità li donnok ma tistennihiex mingħandu. Madankollu għandu rasu iebsa u jekk iwaħħal xi ħaġa f'rasu jibqa' jibqa' sakemm jagħmilha.

Josmar kien għadu jmur il-Primarja. Kien wasal biex jitla' fir-Raba' Sena. Iċ-ċkejken ma tantx iħobb jikteb u jistudja, imma mbagħad għandu xeħta naturali għat-tpinġija, u l-hena tiegħu jiddisinja friefet, għasafar u annimali. Jekk imbagħad ma jkunx ipinġi aktarx issibu jżarma jew jarma xi biċċa makkinarju ta' xi ġugarell miksur jew xi apparat skartat.

Fil-jiem ta' wara s-sur Parnis kien imħabbat wisq. Ħtieġlu jagħmel l-arranġamenti għas-safra tiegħu u tal-mamà, kif ukoll biex uliedu jmorru joqogħdu Ħal Perniċi għand oħtu Stella. Owen kien għad jonqsu l-aħħar ftit eżamijiet x'jagħmel qabel il-vaganzi tas-sajf, imma dawn seta' jkompli jagħmilhom billi jmur l-iskola mal-*private* li titlaq minn Ħal Perniċi. Iċ-ċkejken Josmar ma kellux eżamijiet x'jagħmel, għax dawn jibdew mir-Raba' Sena. Għalhekk il-papà seta' jirranġa mas-Surmast biex it-tifel itemm dik is-sena skolastika xi ftit jiem qabel.

Il-ħsieb taż-żjara għand iz-zijiet ta' Ħal Perniċi mela lil Josmar b'entużjażmu kbir. Xtaq ħafna jiltaqa' maz-zija Stella u n-nannu Renzo li tant iħobbuh u jfissduh. Imbagħad hemm il-kuġina Yasmin, tifla ħelwa ta' għaxar snin li tant tħobb tilgħab miegħu. Imma Owen ma kienx daqshekk ħerqan. L-iktar mhux għax kien jaf kemm iz-ziju Eman hu raġel nervuż, għax lil dan kien jaf imur għal għajnu u jimxi miegħu ħarir. Owen kien biered għax kien jaf x'kienet ir-raġuni għal dik iż-żjara. Huwa tifel tal-ħsieb u kien qiegħed jinkwieta sew fuq saħħet ommu. Imma mal-papà ma semma xejn. Ma xtaqx ikattarlu l-għawġ. Talbu biss

biex għand iz-zijiet iħallih jieħu miegħu r-rota.

"Irrid nerġa' nċemplilhom għax insejt ngħidilhom dwar il-kelb. M'aħniex se nħalluh waħdu hawn, hux hekk?" qallu l-papà. "Issa ngħidilhom ukoll dwar ir-rota tiegħek … Imma qis li tobdihom, Owen, eh! U ara li ħuk jobdihom ukoll. Ħallini mmur b'moħħi kwiet.."

"Serraħ rasek, papà. Aħna se nkunu bilgħaqal," wiegħdu Owen. "Mur bil-kwiet u ħu ħsieb il-mamà. Lil Josmar nieħu ħsiebu jien."

Fi żmien ġimgħa ċ-ċaqliq sar kif kien pjanat. Il-papà u l-mamà marru l-Ingilterra, u Owen u Josmar sabu ruħhom fid-dar kbira taz-zijiet ġo Ħal Perniċi.

Ħal Perniċi hu raħal kwiet fejn il-kampanja għadha ma nbnietx għalkollox, u għadek tista' tara ftit tar-raba' mhux ħażin. L-abitanti ta' dan ir-raħal, jew Perniċjani, kif jissejħu, bilkemm ilaħħqu t-tlitt elef. Uħud minnhom baqgħu jaħdmu r-raba' fir-raħal stess, waqt li oħrajn studjaw u llum jaħdmu bil-pinna fl-officini jew iħaddnu xi professjoni. Ir-raħal hu mgħammar b'kollox. Fih issib kull xorta ta' ħwienet, l-Għassa tal-Pulizija, iċ-Ċentru Ċiviku bil-Kunsill Lokali, il-Knisja biċ-Ċentru Parrokkjali, l-Ispiżerija, il-Berġa u kull ħtieġa oħra.

Id-dar taz-zijiet hi waħda kbira bi tliet sulari, antika mhux ħażin, u tinsab lejn tarf ir-raħal. Fuq il-bejt għandha kamra żgħira, donnha turretta, li tidher sew mill-bogħod, u minħabba f'hekk kulħadd isibha bħala d-Dar tat-Turretta. Hija mdawra b'oqsma ta' raba' mifrudin minn xulxin b'xibka ta' ħitan tas-

sejjieħ, u mtektkin 'l hawn u 'l hinn bi rziezet żgħar u siġar tal-ħarrub.

Lil Owen u 'l Josmar iz-zija Stella kienet ħejjitilhom kamra minn dawk li kellha vojta fuq. Lil Owen lestietlu sodda mill- ispare bedroom , u għal Josmar kellha pultruna tal-metall li setgħet tinfetaħ u tinbidel f'sodda żgħira. Mejda pulita, żewġ siġġijiet u xi biċċtejn għamara oħra setgħet twarrbilhom ukoll, u l-kamra ġiethom tassew ħelwa u komda.

Din iz-zija Stella tiġi oħt il-papà, xi erba' snin iżgħar minnu. Hija mara tassew twajba, magħmula qsajra u xi ftit imbaċċa, imma mżejna b'natural ħelu u ferrieħi, kalma u xejn ma tieħu bi kbir. Mill-banda l-oħra żewġha Eman donnu f'kollox bil-kontra tagħha. Magħmul twil u rqajjaq, dejjem serju u x'aktarx nervuż. M'hux qalbu ħażina imma, juri ruħu biered u ta' natural magħluq. Owen dejjem skanta kif dawn it-tnejn min-nies waslu biex iżżewġu meta kienu jidhru għalkollox bil-maqlub ta' xulxin.

L-ewwel ftit jiem fid-Dar tat-Turretta Owen għaddiehom magħluq f'kamartu jistudja għall-eżamijiet li kien għadu qed jagħmel. Imma waqt l-istudju ma setax jikkonċentra daqs is-soltu, kemm għax kien qiegħed f'ambjent ġdid kif ukoll għax moħħu kien imgħobbi bi ħsibijiet oħra. L-eżamijiet li kien jonqos, madankollu, għaddew ukoll b'wiċċ il-ġid u bdew l-vaganzi. Owen ħassu jieħu ftit tan-nifs. Ħuh Josmar kien qiegħed jgħaddiha tajjeb mal-kuġina Yasmin, daqqa jilgħab magħha b'xi *video game*, daqqa jaħbilha l-pupi, u drabi oħra jinbex

il-qattusa persjana li n-nannu Renzo kien xtralha f'għeluq sninha.

Imma Owen ma kienx daqshekk moħħu fiċ-ċajt. Il-ħsieb ta' ommu marida ma setax iħallih bi kwietu. Mindu l-papà kien tah l-aħbar tal-gravità tal-marda tagħha ma kienx raqad lejl wieħed sħiħ. La d-dar tagħhom u lanqas fid-dar taz-zijiet! Kien aktarx joħlom xi ħolma kerha li ġġagħlu jistenbaħ b'ħasda u ttajjarlu n-ngħas kollu. Imbagħad jgħaddi l-bqija tal-lejl jitqalleb bla ma jerġa' jorqod.

F'lejl minnhom, matul it-tieni ġimgħa fid-Dar tat-Turretta, Owen kellu waħda minn dawn il-ħolmiet koroh. Beda jara xena fiċ-ċimiterju fejn id-deffien kien qiegħed jidfen lil xi ħadd. Wiċċ id-deffien ma setax jarah, għax kien dahru lejh … Hu kien riesaq biex iħares fil-qabar biex jara min kien tniżżel fih … Imma f'daqqa waħda stenbaħ maħsud. Kien għarqan xraba u nifsu maqtugħ bħallikieku kien ġej minn xi ġirja kbira. Qam bilqiegħda fis-sodda u fid-dawl ta' qamar li kien dieħel mit-tieqa seta' jara lil ħuh Josmar mitluf fl-isbaħ raqda … Sprint, il-kelb, kien rieqed ukoll fil-kaxxa li z-zija kienet ħejjietlu f'rokna tal-kamra. Owen ħassu jgħir kemm għal ħuh kif ukoll għall-kelb, u xtaq li seta' jorqod u jistrieħ bħalhom. Imma, għalkemm ipprova jerġa' jorqod, ma rnexxilux. In-ngħas kien telaq minn xfar għajnejh.

Wara xi għaxar minuti wiċċu 'l fuq fis-sodda Owen qam u, fuq ponot subgħajh biex ma jqajjimx lil ħuh, resaq jittawwal mit-tieqa li tagħti għal fuq l-għelieqi n-naħa ta' wara tad-dar. Id-dawl abjad tal-qamar

kien biżżejjed biex id-dehra mit-tieqa miftuħa tkun tingħaraf sewwa. Il-weraq tas-siġar tal-ħarrub kien jidher jiċċaqlaq fiż-żiffa ħafifa u jlellex fid-dawl fid-dieni tal-qamar mimli.

Owen firex ħarstu iktar 'il bogħod, u waqt li kien jgħarrex biex jgħaddi ż-żmien lemaħ dehra li ħasditu. Kienet dehra tixbah lil dik li ra fil-ħolma. Raġel qisu d-deffien tal-ħolma kien qiegħed milwi, iħaffer fil-ħamrija ta' għalqa minnhom donnu biex jidfen xi ħaġa … jew lil xi ħadd! Kien qiegħed juża mgħażqa biex iqatta' l-ħamrija u pala biex itellagħha mill-ħofra.

Ir-raġel kien dahru lejh, sewwasew kif kien id-deffien fil-ħolma, u għalhekk ma setax jaralu wiċċu. Kien jidher li dak li kien qed jagħmel ried jagħmlu bil-moħbi. Minkejja s-satra tal-lejl kien sikwit iħares madwar donnu beżgħan li jarah xi ħadd. Kien liebes kappell qadim imgħaddas sewwa f'rasu biex il-faldi jaħbulu wiċċu u ma jingħarafx jekk jinzerta jintlemaħ minn xi ħadd. Owen baqa' fejn kien, donnu msammar ma' l-art. Kien qiegħed jerġa' jġedded il-ħolma li kellu ftit qabel. Tgħid din kienet kontinwazzjoni tagħha?

Owen seraq ħarsa ħafifa lejn l-arloġġ. Kienu s-siegħa u nofs ta' bil-lejl! It-tifel kien inħakem minn taħlita stramba ta' biża' u kurżità. Tgħid min kien dak ir-raġel misterjuż? … X'kien se jidfen f'dik il-ħofra? … Għaliex kien ħalla dik il-biċċa xogħol għal dak il-ħin? …

Meta ra li kien ħaffer biżżejjed, ir-raġel waqaf dritt u deher jogħorok ftit dahru. Imbagħad reġa' tbaxxa u,

minn wara l-borġ tal-ħamrija li kien tella' mill-ħofra, deher jerfa' bħal kaxxa ta' l-injam jew tal-kartun, id-daqs ta' bagalja. Owen rah ipoġġi din il-kaxxa fil-ħofra, imbagħad jaqbad il-pala u, bil-mod u bil-galbu, jerġa' jibda jordom il-ħofra bil-kaxxa fiha. Issa Owen serraħ rasu li dak li kien qed jidfen ma kienx xi ħadd imma xi ħaġa … għax dik il-kaxxa kienet zgħira wisq biex joqgħod bniedem.

Meta kien radam il-ħofra għalkollox ir-raġel misterjuż deher jagħti daqqa t'għajn oħra madwar, donnu biex iserraħ rasu li ma kien rah ħadd. Imbagħad qabad l-imgħażqa u l-pala, poġġiehom fuq spalltu u resaq bihom lejn il-ħajt tas-sejjieħ. Owen rah jimxi mal-ħajt u ntebaħ li kien zopp … donnu kellu sieq xi ftit iqsar mill-oħra! Rah jasal ħdejn xatba ta' l-injam, jgħaddi minnha u jgħib għalkollox.

Għal ftit waqtiet Owen baqa' wieqaf fejn kien, qisu statwa tal-ġebel. Kien qiegħed jiżen jekk dak li kien għadu kemm ra kienx ġara tassew, inkella kienx xi ħolma oħra. Imma hu kien wieqaf fit-tieqa, mhux rieqed fis-sodda! Hu kien imqajjem! … Dak li kien ra kien seħħ tassew. Wara ftit reġa' mar jimtedd fis-sodda. Imma d-dehra li kien ra mit-tieqa kienet ħawditu u kompliet tajritlu n-ngħas għallkollox. Il-kurżità biex isir jaf x'kien ħeba r-raġel misterjuż fis-satra tal-lejl kienet kulma jmur qed iżżid taħkmu.

Baqa' jitqalleb fis-sodda sa ma l-jum beda jżernaq u sama' z-zijiet fuq saqajhom. Ħalla z-ziju Eman joħroġ kmieni għall-uffiċċju kif soltu jagħmel u mbagħad qam u libes bla ħoss, attent biex ma jqajjimx lil ħuh.